# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 29 ta' April 2016**

**Numru 8**

**Rikors numru 829/11 AE**

**HSBC Bank (Malta) plc**

**v.**

**Pirella Supermarkets Limited**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors imressaq fil-25 ta' Awwissu, 2011, mill-HSBC Bank Malta Plc. ai termini tal-Artikolu 258 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li in forza tieghu talab:

> "Illi permezz tal-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu fl-atti tan-Nutar Pierre Cassar datat 28 ta' Jannar 2002 (Dok 'HSBC 1') is-socjeta` intimate ikkostitwiet ruhha debitrici tas-socjeta` rikorrenti;
>
> "Illi wara li saru diversi pagamenti, is-socjeta` intimata baqghet debitrici tas-socjeta` rikorrenti u ghaddew izjed minn tlett snin mid-

data ta' l-istess kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu u s-socjeta` rikorrenti qieghda titlob l-awtorizzazzjoni skond l-Artikolu 258 ta' l-istess Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12) tal-Ligijiet ta' Malta sabiex tesegwixxi dan l-istess titolu fil-konfront tal-intimata Pirella Supermarkets Limited ghal-bilanc li ghadu dovut;

"Ghalhekk is-socjeta` rikorrenti previa kull dikjarazzjoni u provediment opportun, titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti tawtorizza lis-socjeta` rikorrenti tghaddi ghall-esekuzzjoni tal-istess titolu esekuttiv fuq imsemmi stante li ghaddew izjed minn tlett snin mid-data ta' l-istess kuntratt u li d-dejn ghadu mhuwiex saldat kollu u dan ai termini tal-Artikolu 258 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta minn fejn jirrizulta li r-rikorrent ghandu: "jikkonferma bil-gurament x-xorta tad-dejn… li jkun l-esekuzzjoni taghha u li d-dejn jew parti minnu jkun ghadu dovut"."

Rat ir-risposta mressqa mis-socjeta` intimata fil-25 ta' Jannar, 2012, li tghid hekk:

"1. Illi l-kuntratt notarili li dwaru l-Bank rikorrent qieghed jitlob l-awtorizzazzjoni sabiex jghaddi ghall-ezekuzzjoni tieghu m'ghadx ghandu effett legali, stante li l-obbligazzjoni hemmhekk miftehma giet maqtula b'novazzjoni, kif jirrizulta wkoll mid-dokument imressaq mill-Bank rikorrent bhala "Dok HSBC4";

"2. Illi bla pregudizzju ghall-premess, il-kreditu vantat mill-Bank rikorrenti m'huwiex cert, likwidu u ezigibbli, billi l-Bank rikorrenti u s-socjeta` esponenti kienu ftehmu dwar dilazzjoni fil-hlas ta' l-istess kreditu, u b'konsegwenza, il-Bank rikorrenti m'ghadx ghandu titolu ezekuttiv fil-konfront tas-socjeta` esponenti;

"3. Illi bla pregudizzju ghall-premess, il-Bank rikorrenti ma jistax jghaddi ghall-esekuzzjoni tal-kuntratt notarili tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Jannar 2002 in atti Nutar Pubbliku Pierre Cassar, billi dan il-ftehim gie sorpassat bi ftehim iehor bejn il-kontendenti li permezz tieghu s-socjeta` esponenti *inter alia* inghatat zmien ghal hlas, u liema ftehim iehor jibqa' veljanti sakemm ma jigix dikjarat xjolt permezz ta' dikjarazzjoni gudizzjarja wara l-appozita azzjoni imressqa mill-Bank rikorrenti.

"Salv risposti ulterjuri skont il-ligi."

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-12 ta' April, 2012, li in forza taghha, dik il-Qorti, cahdet l-eccezzjonijiet tas-socjeta` intimata u

laqghet t-talba tar-rikorrenti billi regghet irrendiet ezegwibbli l-kuntratt tat-28 ta' Jannar 2002, ippubblikat min-nutar Dr Pierre Cassar, kopja ta' liema hi annessa mar-rikors promotur, bl-ispejjez a karigu tal-intimata.

Dik il-Qorti tat il-provvediment taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Permezz ta' kuntratt pubbliku tat-28 ta' Jannar 2002 fl-atti tan-nutar Dr Pierre Cassar, gie miftiehem li l-intimata *'…constitutes itself real, certain and liquid debtor in favour of the Bank which accepts in the sum of nine hundred and seventy thousand nine hundred and sixty lira thirty cents (Lm970,960.30) by way of capital and twenty four thousand and twenty seven lira forty seven cents (Lm24,027.47) by way of debt accrued interest to date with regards to the overdraft account ; and thirty thousand and twenty five lira ninety one cents (Lm30,025.91) by way of capital and seven hundred and thirty nine lira ninety four cents (Lm739.94) by way of debt interest accrued to date with regards to the loan account.'*.
>
> "F'dan il-procediment ir-rikorrenti qeghda titlob lill-Qorti sabiex dan it-titolu ezekuttiv jerga' jsir ezegwibbli peress li kienu ghaddew tlett snin (Artikolu 258 tal-Kap. 12).
>
> "Skont l-istess ftehim il-kondizzjonijiet ta' hlas kellhom isiru mill-bank bil-miktub.
>
> "Bejn il-partijiet m'huwiex kontestat li l-kuntratt tat-28 ta' Jannar 2002 hu titolu ezekuttiv. Madankollu l-intimata qeghda ssostni li:-
>
> "i.Il-kuntratt m'ghadx ghandu effett legali ghaliex *'l-obbligazzjoni hemmhekk miftiehma giet maqtula b'novazzjoni, kif jirrizulta wkoll mid-dokument imressaq mill-Bank rikorrent bhala Dok. HSBC4'*.
>
> "ii. Il-kreditu m'huwiex cert, likwidu u dovut peress li l-bank kien dahal fi ftehim dwar dilazzjoni fil-hlas. Ghalhekk il-bank m'ghadx ghandu titolu ezekuttiv.
>
> "iii. Il-bank ma jistax jghaddi ghall-esekuzzjoni tal-kuntratt tat-28 ta' Jannar 2002 ghaliex hemm ftehim iehor li bih l-intimata inghatat zmien ghall-hlas, u liema ftehim jibqa' fis-sehh sakemm ma jigix xolt permezz ta' dikjarazzjoni gudizzjarja.

"Il-Qorti ma taqbilx mat-tezi tal-intimata. Novazzjoni hi mod kif tispicca obbligazzjoni. Skont l-Artikolu 1179 meta debitur jikkuntratta dejn gdid mal-kreditur li jitqieghed flok il-qadim, id-dejn l-antik jispicca. L-Artikolu 1181(1) tal-Kodici Civili jipprovdi *'ma hemmx novazzjoni jekk l-obbligazzjoni l-qadima ma tigix maqtula, ghalkemm tigi mibdula.'*. Hekk ukoll in-novazzjoni *'mhix prezunta ; l-intenzjoni li ssir ghandha tidher bic-car.'* (Artikolu 1180[2]).

"Fis-sentenza **Mary Borg et vs Joseph Micallef** tat-22 ta' Ottubru 1998, il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) osservat:-

> *"Kif ga gie deciz mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-25 ta' Mejju, 1956, in re Paul Koludrovich vs Carmelo Muscat, ikun hemm novazzjoni oggettiva meta ssir obbligazzjoni gdida li tigi sostitwita ghal ohra pre-ezistenti li b'hekk tigi estinta. Izda b'ligi espressa, in-novazzjoni ma tistax tigi prezunta u l-animus novandi ghandu jirrizulta b'mod car u univoku. Inoltre, 'in-novazzjoni oggettiva tacita ghandha tirrizulta minn inkompatibilita bejn l'id quod actum est u l-eskluzjoni tal-volonta' li ssir novazzjoni' (Vol. XXIX.iii.80). Inoltre ma hemmx novazzjoni jekk l-obbligazzjoni l-antika ma tigix maqtula, imma sempliciment modifikata (Vol. XXXI.i.753), ghaliex billi ssir modifikazzjoni fi ftehim, ma tavverax ruhha novazzjoni bejn il-partijiet, jekk ma kienx hemm l-intenzjoni li ssir obbligazzjoni gdida in sostituzzjoni ghall-antika, li tigi mill-partijiet imhassra (Vol. XXXV.ii.607)."*.

"Il-Qorti tal-Appell kompliet biex tikkonferma li f'kaz ta' dubju, in-novazzjoni ghandha tigi eskluza.

"Id-dokument li l-intimata ghamlet riferenza ghalih hi ittra tal-bank datata 14 ta' April 2004, mibghuta lill-intimata u fejn il-bank ikkonferma li kien lest li jaccetta s-somma ta' Lm880,000 ghas-saldu diment li l-bank jircievi pagament ta' Lm100,000 kull sena b'sehh mit-30 ta' April 2005. F'nota ipprezentata mill-intimata fid-9 ta' Frar 2012, iddikjarat li ma zammitx mal-modalitajiet ta' hlas kollha li jissemmew fl-ittra. Min-naha tieghu l-bank isostni li gia` ladarba l-intimata ma onoratx il-pagamenti, kellu kull dritt li jipprocedi bl-ezekuzzjoni tal-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu tat-28 ta' Jannar 2002 peress li ghadu jorbot lill-partijiet. Mill-ittra tal-14 ta' April 2004 hu evidenti li l-commitment tal-bank kien soggett ghall-kondizzjoni li d-debitrici taghmel il-pagamenti bil-mod kif jinghad f'dik l-ittra. Gia` ladarba ma zammitx mar-repayment programme li ippropona l-bank, l-intimata ma tistax tipprova tiehu beneficcju minn dan id-dokument. Fl-ittra jinghad car u tond li l-bank kien lest jircievi Lm800,000 in full and final settlement *'......**provided** that the said sum is received as follows.......'*. Imkien ma jinghad li l-bank kien qieghed jirrinunzja ghal dak li kien intitolat ghalih skont il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu. Sahansitra fl-istess document jinghad *"Without Prejudice"*, li jkompli jsahhah il-fehma tal-Qorti li ma kienx hemm *animus novandi* imma sempliciment disponibilita` min-naha tal-bank li jekk id-debitrici tonora r-repayment programme ma tezercitax il-jeddijiet taghha skont il-kuntratt tat-28 ta'

Jannar 2002. Meta intbaghatet l-ittra tal-14 ta' April 2004 ma kenitx l-intenzjoni tal-bank li tinholoq obbligazzjoni gdida. Il-Qorti hi konvinta li l-bank sempliciment ghazel li jissospendi l-ezekuzzjoni tal-kuntratt tat-28 ta' Jannar 2002, u dak li jinghad fl-ittra tal-14 ta' April 2004 ma kienx ifisser l-estinzjoni tal-obbligazzjoni originali. Hu evidenti li l-bank ried jipprova jasal f'arrangament mad-debtrici biex jaghlaq il-pendenzi. Pero` dan ma jfissirx li sar xi dejn gdid. Id-dejn kien l-istess wiehed, ghalkemm jidher li l-bank kien lest li jaccetta riduzzjoni tal-ammont dovut u l-hlas isir fuq perjodu ta' tmien snin. Dan dejjem pero` bil-kondizzjoni li d-debitrici tonora l-arrangament li ippropona l-bank. Fil-fehma tal-Qorti r-raguni tghidlek ukoll li kieku l-intenzjoni tal-bank kienet il-holqien ta' obbligazzjoni gdida, kien isir kuntratt pubbliku iehor fejn jinghad li l-att tat-28 ta' Jannar 2002 m'ghadux jghodd. Gia` ladarba d-debitrici ma onoratx l-arrangament li ippropona l-bank, allura l-kreditur ghandu kull dritt li jinvoka t-titolu ezekuttiv li ghandu fil-konfront tal-intimata. Il-bank kien lest li jissaporti lill-intimata u jaghtiha iktar zmien sabiex tonora l-obbligi kuntrattwali. B'daqshekk ma jfissirx li tilfet it-titolu ezekuttiv li ottjeniet bis-sahha tal-kuntratt tat-28 ta' Jannar 2002. Inoltre, ir-riduzzjoni ta' parti mill-garanziji li qeghdin jaghmlu tajjeb ghad-dejn ma ssarrafx fl-estinzjoni tal-obbligazzjoni originali. Garanziji huma accessorji ghall-obbligazzjoni principali, u l-ghoti jew riduzzjoni taghhom ma jaghtux lok ghal novazzjoni. Kieku sehhet novazzjoni, kontestwalment kienu jispiccaw il-garanziji kollha gia` ladarba huma accessorji ghall-obbligazzjoni originali. Pero` tant ma kienx hemm *animus novandi*, li kien hemm biss riduzzjoni ta' parti mill-garanzija. Il-Qorti lanqas ma taqbel mat-tezi tal-intimata li l-bank kellu jaghmel kawza biex jigi iddikjarat li l-intimata tilfet il-beneficcju taz-zmien.

"Il-Qorti hi tal-fehma li bl-ittra tal-14 ta' April 2004 il-bank ma kellu l-ebda intenzjoni li jirrinunzja ghat-titolu ezekuttiv li m'hemmx kwistjoni li kellu bis-sahha tal-kuntratt bil-kuntratt tat-28 ta' Frar 2002. Hu maghruf li r-rinunzja trid kif osservat il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Imhallef Tonio Mallia) fil-kawza **Jun Lui et nomine vs Salomo Ulrich nomine** deciza fit-3 ta' Ottubru 2002:- *"Rinunzja ta` dritt, hu risaput, trid tkun cara, inekwivoka u turi l-intenzjoni cara tat-titolar tad-dritt li kien qed iwarrab l-istess. Il-fatt li minnu tista' tigi dezunta r-rinunzja, jrid ikun wiehed li juri (a) il-volonta' preciza li d-dritt qed jigi abbandunat, u li (b) l-fatt huwa assolutament inkonciljabbli mal-konservazzjoni tad-dritt."*. Il-Qorti m'hijiex sodisfatta li bl-imsemmija ittra l-bank kien qieghed f'dak l-istadju jirrinunzja ghal dak li diga` kellu.

"Konsiderazzjoni tal-ahhar li l-Qorti tqies li hi rilevanti, tirrigwarda s-somma ta' Lm880,000 li tissemma fl-ittra tal-14 ta' April 2004. Fl-ittra jinghad li l-bank hu lest li jircievi din is-somma ghas-saldu tad-dejn kollu, diment li jsir il-hlas fid-dati stipulati. Hu evidenti li l-offerta saret taht kundizzjoni. Il-bank m'huwiex obbligat li jaccetta Lm880,000 ghas-saldu tad-dejn li l-intimata ghandha mal-bank. Din kienet marbuta mal-kundizzjoni li jsir il-hlas fid-dati li jissemmew fl-

> imsemmija ittra. Gialadarba l-hlas ma sarx, il-bank m'ghandu l-ebda obbligu in kwantu l-obbligazzjoni ma gietx fis-sehh. Konsiderazzjoni ohra li tkompli ssahhah il-fehma tal-Qorti li ma sehhitx novazzjoni."

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta` intimata li ghar-ragunijiet hemm imsemmja, talbet illi din il-Qorti thassar, tirrevoka u tikkancella d-decizjoni appellata u wara li tilqa' l-eccezzjonijiet taghha, tichad it-talba tal-bank appellat, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu.

Rat ir-risposta tal-appell tal-bank appellat li permezz taghha u ghar-ragunijiet minnu premessi, issottometta li din il-Qorti ghandha tichad l-appell interpost mis-socjeta` appellanti bl-ispejjez kontra taghha.

Rat ir-rikors tal-bank appellat tat-28 ta' Mejju, 2012, li permezz tieghu din il-Qorti intalbet sabiex tordna l-ezekuzzjoni provvizorja tas-sentenza appellata.

Rat ir-risposta tas-socjeta` intimata li permezz taghha oggezzjonat ghall-imsemmija talba u dana peress li sostniet li l-ezekuzzjoni provizzorja tad-decizjoni appellata tista' tohloq hafna aktar pregudizzju lilha milli lill-bank appellat jekk l-ezekuzzjoni provizorja ma tigix ordnata.

Rat li din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 266 (7) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta), irriteniet li ma kienitx sodisfatta li d-dewmien fl-ezekuzzjoni tas-sentenza

appellata sejjer aktarx jikkaguna pregudizzju akbar lir-rikorrent milli lis-socjeta` intimata, u cahdet it-talba ghall-ezekuzzjoni provizorja tas-sentenza tal-ewwel Qorti.

Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta' Marzu, 2016, li permezz tieghu, il-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-avukati tal-partijiet dehru quddiem din il-Qorti, trattaw l-appell u qablu li jista' jithalla ghas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Illi ghandu jinghad mill-ewwel li fil-fehma ta' din il-Qorti l-pern tal-kwistjoni hija dwar dak stipulat fl-ittra datata 14 ta' April, 2004, u jekk din tikkostitwix novazzjoni hekk kif pretiz mis-socjeta` intimata jew le.

Ikkonsidrat;

Illi permezz tal-ewwel aggravju s-socjeta` intimata tilmenta li l-Qorti tal-ewwel istanza ma applikatx sewwa r-rekwiziti legali li jsawwru l-istitut tan-novazzjoni ghall-fatti tal-kaz, u ghalhekk fil-fehma taghha, dik il-Qorti zbaljatament ikkonkludiet li fil-fattispeci tal-kaz odjern ma okkorrietx innovazzjoni. Is-socjeta` appellanti tishaq illi skont it-taghlim espost minn awturi kontinentali dwar din il-materja, l-*animus novandi* mhux mehtieg li jkun espress u jista' jkun tacitu jew implicitu u ghalhekk fl-

assenza ta' dikjarazzjoni espressa bejn il-partjiet, li permezz taghha huma jkunu qeghdin joqtlu l-obbligazzjoni antika, wiehed irid ihares lejn l-obbligazzjoni l-gdida sabiex jigi determinat jekk din iggibx terminazzjoni tal-obbligazzjoni antika. Ghalhekk filwaqt li s-socjeta` appellanti tirreferi ghas-sottomissjonijiet taghha, tinsisti li permezz tal-ittra tal-14 ta' April, 2004, sehhet novazzjoni.

Fuq din il-materja, ir-Ricci jispjega illi:

> "*La novazione non in altro consiste se non nella sostituzione di una nuova obbligazione ad altra precedente, che, col sorgere di questa, rimane estinta. Tre elementi pertanto sono indispensabili a costituire novazione, vale a dire: un'obbligazione precedente, un'obbligazione nuova, e la volonta' delle parti di sostituire questa seconda obbligazione alla prima… L'esistenza di una precedente obbligazione e di una nuova non costituisce novazione, se manchi la volonta' delle parti di sostituire questa a quella. Tale volonta'…non si presume, ma deve chiaramente risultare dall'atto. Perche' la novazione non si presume? Perche' ogni novazione contiene implicita una rinuncia alla precedente obbligazione e le rinuncie non si presumono mai;* ***come la rinuncia deve essere chiaramente dimostrata, cosi' del pari la volonta' delle parti di effettuare la novazione deve chiaramente risultare dall'atto, ne' puo' stabilirsi per via di presunzione. Cio' pero`' non vuol dire che le parti debbano esplicitamente dichiarare nell'atto la loro volonta' di effettuare la novazione…impero`cche' la volonta' di novare puo' chiaramente risultare, quantunque non esplicita, ma contenuta implicitamente e necessariamente nelle convenzioni intervenute tra le parti e nelle relative circostanze di fatto***."
> ("Corso Teorico-Pratico di Diritto Civile" Vol.VI ediz.1886 para. 285, 287 pag.376 -378, enfasi mizjuda)

Kif gustament osservat l-ewwel Qorti, fil-ligi taghna n-novazzjoni tista' issir ai termini tal-Artikolu 1179 tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta) billi fost affarijiet ohra: (a) "*meta d-debitur jaghmel mal-kreditur tieghu dejn gdid, u dan jigi mqieghed flok il-qadim,* ***illi jispicca****;…"*

Inoltre l-Artikolu 1180 (2) tal-istess Kodici jipprovdi li n-novazzjoni *"mhix prezunta;* ***l-intenzjoni li ssir ghandha tidher bic-car***".

Hekk ukoll l-Artikolu 1181(1) jiddisponi illi "***ma hemmx novazzjoni jekk l-obbligazzjoni qadima ma tigix maqtula, ghalkemm tigi mbiddla***".

(f'kull kaz, enfasi mizjuda).

Issa minn ezami tal-fatti tal-kaz in ezami jirrizulta li l-partijiet dahlu f'kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu fit-28 ta' Jannar, 2002, fl-atti tan-nutar Pierre Cassar, li fost affarijiet ohra kien jipprovdi illi:

> "*The bank reserves unto itself the right to lay down such conditions as it considers necessary, for the repayment of the debt over a period, which conditions shall be, or have been notified in writing to the company and or the sureties,* ***subject to the overriding condition that the outstanding balance of the debt and interest accrued thereon, shall be repayable on demand, a simple request in writing to be deemed good and sufficient notice for this purpose.***"

Huwa ritenut illi l-ittra tal-Bank appellat datata 14 ta' April, 2004, ghandha tinqara fil-kuntest ta' dan il-provvediment tal-kuntratt notarili, fis-sens li, kif intestat fl-istess ittra, **minghajr pregudizzju**, il-Bank kien lest li jaccetta l-hlas tas-somma ta' Lm880,000 a saldu tal-pretensjonijiet kollha tieghu, **b'dan illi** jsiru pagamenti rateali mifruxa fuq medda ta' disa' snin. Ghalhekk gustament l-ewwel Qorti irriteniet illi l-Bank ma kienx qieghed jirrinunzja bl-ebda mod ghad-drittijiet tieghu, li jirrizultaw

mill-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu. L-imsemmija ittra tal-bank hija meqjusa accessorja ghall-obbligazzjonijet principali naxxenti mill-kuntratt tal-2002 in kwantu tistipula metodu ta' pagament li seta' jincentiva lid-debitur sabiex jaqta' id-dejn tieghu mill-aktar fis u b'ebda mod din l-ittra ma tista' titqies bhala kuntratt gdid li tittermina l-effetti tal-kuntratt notarili, hekk kif ittantat tghid l-appellanti.

Kif inghad fis-sentenza **Anthony Galea v. Mario Hallett pro et noe et**, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Gunju 2001, in-novazzjoni ma tistax tigi prezunta, u dan ghaliex bazikament in-novazzjoni tikkostitwixxi rinunzja tad-drittijiet tal-kreditur ghal obbligazzjoni ohra u:

> "*il est de principe que les renonciations ne se presument pas*" *(Carbonnier) tant li "la volonta' di estinguere l'obligazione precedente (animus novandi), che puo' risultare come ogni dichiarazione di volonta', anche tacitamente, per facta concludentia*".
>
> "*Illi ghalhekk skont l-istess massimi fuq indikati nghad fil-kawza fl-ismijiet* ***"****Antonio Sammut vs Antonio Mifsud****"*** *(A.K. 14 ta' Settembru 1943) li:- "Il-kwistjoni kollha qieghda taggira ruhha jekk l-obbligazzjoni antika bejn il-partijiet gietx estinta u ghalhekk saritx novazzjoni*"*….*
>
> "*Illi aktar ricentement fil-kawza* ***"****Franco Busuttil noe vs Anthony Mallia" (K. (JDC) 25 ta' Marzu 1993) insibu li l-istess Qorti qalet li:- "Illi skont il-ligi (artikolu 1180 (2) Kodici Civili, Kap 16) in-novazzjoni qatt ma tista' tkun prezunta. Ghall-kuntrarju l-intenzjoni li ssir novazzjoni ghandha tirrizulta bic'car ghalkemm ma hemmx bzonn li jintuzaw kliem jew formoli specjali. Hemm ukoll li jkun hemm inkompatibilita' bejn iz-zewgt' obbligazzjonijiet u fid-dubju n-novazzjoni ghandha tigi eskluza. (Ara Kollez. Vol. XXX.I.943)*".

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, hija l-opinjoni ta' din il-Qorti li l-ittra tal-14 ta' April, 2004, tikkonsisti biss fi proposta ta' hlas tad-debitu, li bl-ebda mod ma toqtol l-obbligazzjoni precedenti bejn il-partijiet

naxxenti mill-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu tat-28 ta' Jannar, 2002, fl-atti tan-nutar Pierre Cassar. Fil-fatt f'dik l-ittra imkien ma jinghad li l-bank bhala kreditur, qieghed jirrilaxxa lid-debitur mill-hlas tad-debitu originali jew b'xi mod iehor jinghad li l-bank qieghed jirrinunzja ghad-drittijiet tieghu naxxenti mill-kuntratt notarili. Anzi mid-dicitura tal-istess ittra hekk kif kondizzjonata, huwa sottointiz li jekk kemm-il darba d-debitur ma jirrispettax il-proposta ta' hlasijiet rateali, il-bank ser jirreverti ghall-posizzjoni originali tieghu hekk kif stipulat fil-kuntratt notarili.

Ladarba huwa principju bazilari li rinunzja ta' drittijiet hekk kif mehtieg fl-istitut ta' novazzjoni, ghandha tirrizulta cara mill-istess ftehim, u ma tistax tigi prezunta, jirrizulta lil din il-Qorti li l-ittra tal-bank datata 14 ta' April, 2004, ma tistax tikkostitwixxi novazzjoni u ghalhekk l-obbligazzjoni ezistenti bejn il-partijiet naxxenti mill-kuntratt notarili ta' kostituzzjoni ta' debitu, bl-ebda mod ma jista' jinghad li gie espressament jew tacitament estint bejn il-partijiet.

Lanqas jista' jinghad, kif targumenta s-socjeta` appellanti, li dak propost fl-ittra tal-14 ta' April, 2004 huwa inkompatibbli mal-obbligazzjonijiet naxxenti mill-kuntratt tat-28 ta' Jannar, 2002, anzi t-tnejn jistghu jezistu flimkien, fis-sens li kif rajna l-kuntratt stess kien jahseb ghall-possibilta` li l-bank jipproponi metodu ta' kif jithallas id-dejn: "*subject to the overriding condition that the outstanding balance of the debt and interest accrued*

*thereon, shall be repayable on demand, a simple request in writing to be deemed good and sufficient notice for this purpose*”.

Is-socjeta` appellanti tishaq li l-obbligazzjoni kontemplata fil-kuntratt tat-28 ta’ Jannar, 2002 hija inkompatibbli ma’ dak stipulat fl-ittra tal-14 ta’ April, 2004 peress li tghid li dawn it-tnejn ma jistghux ikunu effettivi kontemporanjament peress li dawn iz-zewg obbligazzjonijiet kellhom modalitajiet u oggetti differenti b’mod li l-adezjoni tal-kontraenti mal-obbligazzjoni l-gdida kienet teskludi l-obbligazzjoni l-antika u vice versa, u f’dan is-sens iz-zewg obbligazzjonjiet ma kienux kompatibbli u hija tippretendi li hawn tiskatta l-prezunzjoni favur l-*animus novandi* hekk kif ritenut fil-gurisprudenza taghna.

Din il-Qorti wara li ezaminat bir-reqqa s-sottomissjonijiet imressqa mis-socjeta` appellanti kemm quddiemha kif ukoll quddiem l-ewwel Qorti, ma taqbilx mal-argumenti imressqa minnha. Dan qieghed jinghad ukoll b’referenza ghas-sentenza ta’ din il-Qorti tas-7 ta’ Lulju, 2008 fl-ismijiet **Francis Paris et v. Maltacom plc**, li ghamlet referenza ghar-rassenja in materja migbura mill-ewwel Qorti, fejn inghad:

> “*Fil-kawza “Catania vs Degiorgio”, deciza minn din il-Qorti fil-21 ta’ Frar, 1958, jinghad hekk: “Huwa veru li mhux mehtieg li l-‘animus novandi’ tkun espressa, u li tista’ tkun anke tacita, pero`’, irid ikun hem kontradizzjoni assoluta bejn il-fatt tal-partijiet u l-volonta’ taghhom li jzommu ferma l-obbligazzjoni originarja. Jekk imbaghad il-kunsens tad-debitur mhuwiex bil-fors mehtieg, <u>huwa dejjem indispensabbli l-kunsens tal-kreditur u tal-espromittent. … U fil-kaz li l-elementi kollha</u>*

*<u>ma jirrizultawx b'mod car u univoku, in-novazzjoni m'ghandhiex tigi prezunta</u>".*

"*Fil-kawza "Frendo Randon vs Gera", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-27 ta' Gunju, 1952, intqal li: "In-novazzjoni ma tistax tigi prezunta, u l-'animus novandi' ghandu jidher bic-car. U jekk stess parti wahda kellha dak l-animu, jehtieg dejjem li jkun hemm l-okkordju mal-parti l-ohra biex issir in-novazzjoni".*

"*Fil-kawza "Baldacchino vs Cassingena", deciza minn din l-Qorti fl-10 ta' Ottubru, 1950, jinghad: "<u>Biex ikun hemm novazzjoni hemm bzonn li jkun hemm l-inkompatibilita' tal-ezistenza ta' zewg obbligazzjonijiet, u f'kaz ta' dubbju, in-novazzjoni ghandha tigi eskluza</u>".*

"*Fil-kawza "Koludrovich vs Muscat", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-25 ta' Mejju, 1956, intqal: "<u>Ma hemmx novazzjoni jekk l-obbligazzjoni antika ma tigix maqtula, imma semplicement modifikata</u>; ghalhiex, billi ssir xi modifikazzjoni fi ftehim, ma tavverax ruhha novazzjoni bejn il-partijiet, <u>jekk ma kienx hemm l-intenzjoni li ssir obbligazzjoni gdida in sostituzzjoni ghall-antika, li tigi mill-partijiet imhassra. Mhux kull modifika, ghalhekk, iggib l-estinzjoni tal-obbligazzjoni, billi l-partijiet jistghu jzidu jew inaqqsu xi haga minghajr ma tigiannullata l-obbligazzjoni, bir-rizultat li tkun giet biss modifikata … In-novazzjoni trid tigi pruvata minn min jallegaha, u f'kaz ta' dubju ghandha tigi eskluza</u>". (sottolinjar mizjud minn din il-Qorti).*

"*Fuq dan il-punt, il-gurista Giorgi ("Delle Obbligazioni", Vol. VIII para. 242), jghid li l-intenzjoni biex issir novazzjoni tkun tacita "quando risulta dalla incompatibilita' tra il 'quod actum est' e la esclusione della volonta' di novare. Della quale incompatibilita' sono queste le caratteristiche:*

> "*"1. Che il debitore sia stato svincolato assolutamente della obbligazione primitiva;*
> *2. Che la seconda obbligazione contenga un mutamento tanto sostanziale in confronto della prima, da non permettere di considerarla come semplice modificazione della obbligazione precedente. La novazione cumulativa, quale appunto risulterebbe dall'unione di due obbligazioni, non e' vera novazione".*"

"*Dawn il-principji kienu wkoll gew abbraccjati mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Bongailas vs Deguara", deciza fit-22 ta' Novembru, 1989, u fil-kawza "Mizzi vs Ennis", deciza mill-istess Onorabbli Qorti fis-6 ta' Gunju, 1984.*"

Applikati dawn il-principji rizultanti mill-gurisprudenza nostrana ghall-kaz odjern, jinghad li ma tirrizultax l-inkompatibilta` assoluta vantata mill-

appellanti bejn il-kuntratt notarili u l-ittra mahruga mill-Bank, in kwantu din tal-ahhar hija meqjusa semplicement bhala modalita` ta' hlas ta' kif jista' jinqatghu l-obbligazzjonijiet naxxenti mill-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu. L-istess ittra bl-ebda mod ma tista' tittiehed li toqtol dawk l-obbligazzjonijiet, izda se mai ghandha tittiehed bhala modifika fil-metodu ta' hlas u koncessjoni ta' tnaqqis fl-ammont li kellu jithallas, aktar u aktar meta wiehed jikkonsidra li l-Bank assoggetta din il-proposta ghal-kundizzjoni sospensiva, kif gustament irriteniet l-ewwel Qorti. Fi kwalunkwe kaz, kif tirrileva l-istess debitrici fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, huwa gurisprudenzjalment ritenut li dilazzjoni fil-hlas ma jikkostitwix novazzjoni. Kien ghalhekk li dik il-Qorti qalet li l-ittra tal-2004 ma kienitx tikkomporta l-estinzjoni tal-obbligazzjoni originali jew kostituzzjoni ta' dejn gdid, izda li d-dejn baqa' l-istess wiehed.

Is-socjeta` appellanti tilmenta wkoll li l-bank kien vinkolat bl-imsemmija ittra tal-2004 daqs kemm kienet hi obbligata, u gia` ladarba s-socjeta` appellanti naqset milli tonora dak mahsub fl-imsemmija ittra, allura l-bank kien intitolat li jagixxi ghar-rizoluzzjoni tal-obbligazzjoni l-gdida gudizzjarjament u dan a tenur tal-Artikolu 1069 tal-imsemmi Kap. 16. Madanakollu, fil-fehma tal-Qorti, dan l-argument ma jregix peress li dan il-kaz, kif irriteniet l-ewwel Qorti, jitratta kondizzjoni sospensiva u mhux rizoluttiva. Ai termini tal-Artikolu 1063 *et sequitur* tal-Kodici Civili, fil-kaz ta' kundizzjoni sospensiva l-obbligazzjonijiet kontenuti fl-iskrittura in

kwistjoni jiddependu fuq grajja li ghad trid tigri u ghadha mhix zgura. F'dan il-kaz il-Bank kien lest jikkuntenta b'somma ferm izghar minn dak li kien intitolat ghalih permezz tal-kuntratt notarili jekk kemm-il darba id-debitur jonora l-pagamenti stipulati fl-istess ittra. Fil-kaz li d-debitur ma jonorax dak il-hlas ma jwassalx ghall-konkluzjoni li tigi ghaliha s-socjeta` appellant, u cioe`, li l-bank jitlob lill-Qorti ghar-rizoluzzjoni ta' dak stipulat fl-ittra, peress li kif rajna qabel, dik l-ittra ma estingwitx l-effetti tal-kuntratt notarili, izda tat biss lid-debitur modalita` ta' hlas vantaggjuza. Ghalhekk, fin-nuqqas tad-debitur li jhallas, ladarba l-kundizzjoni ma tavverax ruhha u d-debitur m'onorax dik il-proposta, il-bank kellu d-dritt jirreverti ghad-drittijiet tieghu naxxenti mill-kuntratt tal-kostituzzjoni ta' debitu - dak li tfisser kundizzjoni sospensiva u mhux kif tittanta tghid s-socjeta` appellanti.

Ghalhekk ma hemm ebda dubju f'ghajnejn din il-Qorti li l-ittra tal-14 ta' April, 2004, ma kienitx tikkostitwixxi novazzjoni bejn il-partijiet u jsegwi li l-ewwel aggravju ma jirrizultax misthoqq.

In kwantu t-tieni aggravju, is-socjeta` appellanti tilmenta li jekk kemm il-darba ma jirrizultax li saret novazzjoni, it-terminu ghall-hlas moghti mill-Bank appellat lill-appellanti kien jippreskludi lill-istess Bank milli jagixxi a bazi tal-att notarili qabel iressaq kawza sabiex jigi dikjarat li l-kumpanija debitrici iddekadiet mit-terminu lilha moghti. Is-socjeta` appellanti fl-

istess rikors t'appell taghha tikkoncedi li ladarba hija waqghet *in mora* ai termini tal-ittra tal-14 t'April, 2012 (sic 2004) huwa minnu li l-bank ikollu dritt li jitlob l-ammont shih, izda subordinatament ghat-talba ta' dikjarazzjoni ta' morozita` u dekadenza mill-beneficcju tat-terminu. Dan l-aggravju huwa razenti l-fieragh meta wiehed jikkonsdra wkoll li fil-proceduri odjerni l-istess appellanti permezz ta' notaipprezentata fid-9 ta' Frar, 2012, ammettiet in-nuqqas taghha billi iddikjarat li hija ma zammitx mal-modalitajiet ta' hlas imsemmija fl-ittra tal-14 ta' April, 2004, peress li hallset biss l-ewwel tliet pagamenti fis-shih u parti mir-raba' pagament mahsub fl-istess ittra. Dan sewwa sew jorbot mal-konsiderazzjonijiet maghmula mill-ewwel Qorti hija hu titratta l-ewwel eccezzjoni, kif ukoll minn din il-Qorti taht l-ewwel aggravju. Ladarba l-ittra tal-14 ta' April 2004 kienet soggetta ghal-kundizzjoni sospensiva, liema kundizzjoni ma avverratx ruhha peress li d-debitrici m'onoratx fis-shih il-programm ta' hlas hemm propost, l-effett ta' dik l-ittra fejn is-socjeta` konvenuta inghatat zmien biex thallas spicca u b'hekk il-Bank irreverta ghall-posizzjoni originali tieghu.

Ghandu jinghad ukoll li r-regola ta' dikjarazzjoni gudizzjarja ta' dekadenza mill-beneficcju tat-terminu mhix assoluta kif tittanta tghid s-socjeta` appellanti, stante li fl-istess sentenza citata mill-appellanti tal-21 ta' Mejju, 1965 (**Ciantar v. Grech**) is-socjeta` tonqos milli tirrileva li fl-istadju tal-appell jinghad li wiehed ghandu jiddistingwi bejn li kreditur

ghandu interess li jaccerta gudizzjarjament il-verifikazzjoni tal-kondizzjoni u li l-awtorizzazzjoni gudizzjarja hi necessarja. Altrimenti l-kreditur ma jkun jista' qatt jipprocedi ghall-esekuzzjoni tal-kuntratt minghajr il-precedenti awtorizzazzjoni gudizzjali. Dik il-Qorti kompliet billi qalet: "*Fil-fehma tal-Qorti dan ma jidherx korrett. Dak li hu korrett hu biss li jinghad illi l-kreditur ghandu interess jew ahjar, jista' jkollu interess li, qabel jipprocedi ghall-ezekuzzjoni, jottjeni dikjarazzjoni gudizzjali tal-verifikazjoni tal-kundizzjoni*".

Jigi rilevat ukoll li, kif ritenut f'kaz b'cirkostanzi simili ghal dak odjern, mill-Qorti tal-Appelli Kummercjali fis-sentenza taghha tal-20 ta' Lulju, 1993, fl-ismijiet: **Dr. David Tonna noe v. John Ross et noe et**:

> "*Dekadenza mill-beneficcju tat-termini, tirrikorri meta lid-debitur jigi koncess li minflok ikun obbligat li jhallas dejn specifikat malli dan huwa normalment dovut – l-ammont intier f'daqqa u f'data specifika – huwa jkun* ***jista' jhallas l-istess dejn, fl-istess ammont, però, mhux f'daqqa, imma diviz f' tant rati, f' dati diversi. Id-dekadenza minn dan il-beneficcju tal-modalita` tal-pagament f'somma dovuta, timporta ir-riversjoni ghar-regola generali li kull dejn irid jithallas kollu fid-data li fiha jimmatura. Hawnhekk il-ftehim kien li jekk ma jithallsux zewg ammonti determinati, f'zewg dati determinati, allura jkun dovut, f'dik id-data ammont akbar miz-zewg ammonti li kellhom jithallsu****.* ***Ghalhekk wiehed ma jistax jitkellem fuq dekadenza mill-beneficcju li dejn jithallas matul u f'certi termini ta' zmien, imma li l-istess dejn jithallas f'daqqa fid-data ta' dekadenza, imma minn obbligazzjoni li dejn akbar jithallas milli d-dati ghal pagament ta' dejn icken ma jigux irrispettati. L-obbligazzjoni hija differenti. Hawnhekk il-konsegwenza tan-nuqqas ta' pagament f'zewg dati separati ta'ammont ridott ta'prezz, hija illi l-ammont originali mhux ridott, ikun dovut immedjatament;*** *...Naturalemt, huwa minnu li kondizzjoni risoluttiva tfisser illi meta l-kondizzjoni tavvera ruhha, din, ipso jure jew ope legis, ixxolji l-kuntratt, mentri hawn, fil-kaz de quo agimur, dak li javvera ruhu, m'huwiex ix-xoljiment tal-kuntratt izda riverzjoni ghall-kuntratt originali bejn il-partijiet, inkwantu t-termini tat-transazzjoni miftehma fil-*

> *11 ta' Settembru, 1987, ma gewx irrispettati*."(enfasi u sottolinjar mizjud minn din il-Qorti).

Hekk ukoll f'dan il-kaz permezz tal-ittra tal-14 ta' April 2004, il-kumpanija debitrici inghatat il-beneficcju li thallas dejn anqas bil-patt u l-kundizzjoni li thallas id-dejn ridott permezz ta' disa' pagamenti fuq medda ta' disa' snin. Il-konsegwenza tan-nuqqas taghha li thallas il-pagamenti rateali hekk kif stipulati permezz tal-istess ittra hija li l-ammont originali mhux ridott hekk kif pattwit fil-kuntratt tal-kostituzzjoni ta' debitu, ikun dovut immedjatament, salv l-obbligu tal-Bank li jirrendi t-titolu tieghu naxxenti mill-istess kuntratt notarili ta' kostituzzjoni ta' debitu ezegwibbli mill-gdid.

Konsegwentement kif gustament irriteniet l-ewwel Qorti, bil-fatt li l-bank ikkonceda lid-debitrici modalita` ta' hlas vantagguza permezz tal-imsemmija ittra tal-2004 ma irrinunzjax ghad-drittijiet tieghu naxxenti mill-kuntratt notarili ta' kostituzzjoni ta' debitu, jew li konsegwentement id-debitu issa gie rez wiehed li mhux cert, likwidu u dovut, jew li l-ittra ixxejjen it-titolu ezekuttiv tal-bank naxxenti mill-kuntratt notarili, kif teccepixxi l-appellanti. Fil-fehma ta' din il-Qorti, lanqas ma jista' jinghad, kif tishaq s-socjeta` appellanti, li l-istess ittra thassar id-dritt tal-bank li jfittex l-ezekuzzjoni tal-kuntratt tat-28 ta' Jannar 2002, u dan ghar-ragunijiet aktar qabel imsemmija.

Ghalhekk huwa ritenut li l-Bank gustament ressaq dawn il-proceduri sabiex bil-permess tal-Qorti irendi l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu tat-28 ta' Jannar 2002 mill-gdid ezegwibbli u konsegwentement lanqas it-tieni aggravju tas-socjeta` appellanti ma jirrizulta gustifikat.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mis-socjeta` konvenuta billi tichad l-istess, tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti fejn cahdet l-eccezzjonijiet kollha tal-intimata u laqghet t-talba tal-Bank rikorrenti billi regghet irrendiet ezegwibbli l-kuntratt tat-28 ta' Jannar 2002, ippubblikat min-nutar Dr Pierre Cassar.

L-ispejjez kollha tal-kawza, inkluzi dawk in prim istanza, ghandhom fic-cirkostanzi jithallsu mis-socjeta` appellanti Pirella Supermarkets Limited.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb